Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,702, 20 ta' Settembru, 2021
Taqsima B

A.L. 367 tal-2021

ORDINANZA DWAR L-AVUKAT ĠENERALI (KAP. 90)

ATT DWAR L-AVUKAT TAL-ISTAT (KAP. 603)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Prosekuzzjoni ta' Reati (Dispożizzjonijiet Tranżitorji)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3(ċ) tal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali u bl-artikolu 1 tal-Att dwar l-Avukat tal-Istat, il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Prosekuzzjoni ta' Reati (Dispożizzjonijiet Tranżitorji) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Prosekuzzjoni ta' Reati (Dispożizzjonijiet Tranżitorji), hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 90.01.
L.S.603.01.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2021.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tiġi emendata b'dan li ġej:

(a) minnufih wara l-partita 1 tagħha, għandha tiġi miżjuda din il-partita ġdida li ġejja:

"1A. L-Avukat Ġenerali għandu s-setgħa li jiddeċiedi jekk prosekuzzjoni għandha jew m'għandiex tiġi istitwita fil-kategoriji ta' reati segwenti meta l-akkużi għandhom jiġu ppreżentati fil-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali jew fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' istruttura kriminali fl-1 ta' Ottubru 2021 jew wara:

(a) traffikar ta' Persuni taħt is-subtitolu VIII Bis tat-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

(b) piraterija taħt is-subtitolu IVB tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

(ċ) stupru, serq ta' persuna, korruzzjoni ta' tfal ta' taħt l-età u istigazzjoni, tħajjir jew faċilitazzjoni tal-korruzzjoni ta' tfal ta' taħt l-età taħt is-subtitolu II tat-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

(d) meta persuna ġġiegħel jew tippermetti li persuna anzjana jew adult dipendenti jsofru taħt ċirkostanzi li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt; offiża gravi fuq il-persuna li wara l-offiża l-persuna tmut biha; reati li għandhom x'jaqsmu ma' delitti kontra l-proprjetà u kontra s-sigurtà pubblika taħt is-subtitolu XI tat-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

(e) l-użu mhux kif dovut tal-Computer taħt is-subtitolu V tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

(f) ħsara volontarja jew qerda ta' proprjetà kulturali taħt l-artikolu 70 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali;

Kap. 445.

(g) meta s-sigurtà tiġi perikolata fl-ajruporti taħt l-artikolu 8 tal-l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ajruportijiet u fl-Avjazzjoni Ċivili;

Kap. 405.

(h) tentattivi jew konspirazzjoni biex jitwettqu jew kompliċità fir-reati msemmija fil-paragrafi (a), (b), (ċ), (d), (e), (f) u (g)."; u

(b) l-partita 3 tagħha, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"3. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-partita 2, il-Pulizija Eżekuttiva m'għandhiex fl-1 ta' Ottubru 2020 jew wara tistitwixxi jew issegwi xi prosekuzzjoni għar-reati elenkati fil-partita 1 fin-nuqqas ta' deċiżjoni li tittieħed mill-Avukat Ġenerali li ssir prosekuzzjoni.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-partita 2, il-Pulizija Eżekuttiva m'għandhiex fl-1 ta' Ottubru 2021 jew wara, tistitwixxi jew issegwi xi prosekuzzjoni għar-reati elenkati fil-partita 1A fin-nuqqas ta' deċiżjoni li tittieħed mill-Avukat Ġenerali li ssir prosekuzzjoni.".